**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur anzjan Johann J. Fenech)**

**Vs**

**Stephen Mifsud**

Illum 14 ta' Ottubru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Stephen Mifsud ta' 42 sena, imwieled Pieta' fit-8 ta' Lulju 1972, bin Carmel u Maria nee' Debono, residenti Nru 49, Triq Danny Cremona, Hamrun u detentur ta' karta tal-identita' nru 425172M:

Talli fit-13 t'Ottubru 2015 u l-gimghat ta' qabel din id-data, gewwa Triq Dun Marcell Mallia, Ghaxaq, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Maria Dolores Bonnici, Natalino Saliba, Franco Cutajar, Joshue Agius, Kenneth Felice, Lorenzo Joyce u Lewis Fenech minn Hal Ghaxaq, liema ammont tal-hsara hija izjed minn elfejn u hames mitt ewro (€2,500);

2. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-persuni msemmija u l-familjari taghhom, u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju ghal dawk il-persuni;

3. Bl-imgieba tieghu kkaguna lill-persuni msemmija u l-familjari taghhom biza' li se tintuza' vjolenza kontrihom jew kontra l-

proprjeta' taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi had mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9, meta kien jaf jew imissu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil xi haddiehor hekk biza' kull darba minn dawk l-okkazjonijiet;

4. F'lok pubbliku, libes maskra jew biddel is-sura tieghu, barra minn fiz-zmien u bil-mod li tippermetti l-ligi, kif ukoll;

5. Xehet hmieg jew porkeriji fil-bibien jew taht il-hitan tad-djar ta' haddiehor;

Il-Qorti hija mitluba sabiex titratta mal-imputat bhala wiehed li sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tapplika l-artikoli 383, 384 u 385 tal-istess Kap ghas-sigurta' ta' ta' Maria Dolores Bonnici, Natalino Saliba, Franco Cutajar, Joshue Agius, Kenneth Felice, Lorenzo Joyce, Lewis Fenech u l-familjari taghhom, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Fl-ahharnett, il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni  u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni fis-seduta tallum.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant dawn gew sodisfjacentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li hija pjuttost ikkulurita u c-cirkostanzi tal-kaz. L-imputat iddikjara li bi hsiebu jirrizarcixxi l-hsara.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 325(1)(a), 251(A)(B), 338(n), 339(l), 49 u 50 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija.

Tichad it-talba ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas.

Inoltre' billi l-hati se jkun qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija effettiva m'hemmx il-htiega ta' l-applikazzjoni ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat